

Brussell, 6 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13271/22

DEVGEN 182	MAMA 159
JEUN 153	MOG 87
ACP 109	COLAC 52
RELEX 1296	COASI 162
COHOM 112	ONU 115
EDUC 340	CONUN 231
SUSTDEV 164	COEST 715
GENDER 162	PROCIV 121
COHAFA 87	DIGIT 177
NDICI 15	SAN 550
COAFR 252	

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ottubru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	JOIN(2022) 53 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ (YAP) fl-azzjoni esterna tal-UE 2022 – 2027 li jippromwovi l-parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażagħ u l-awtonomizzazzjoni tagħhom fl-azzjoni esterna tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli, l-ugwaljanza u l-paċi

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument JOIN(2022) 53 final.

Mehmuż: JOIN(2022) 53 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Strasburgu, 4.10.2022
JOIN(2022) 53 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ (YAP) fl-azzjoni esterna tal-UE 2022 – 2027

**li jippromwovi l-parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażagħ u l-awtonomizzazzjoni
tagħhom fl-azzjoni esterna tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli,
l-ugwaljanza u l-paċi**

“Aħna jistħoqilna li niġu mismugħa, inkunu awtonomi u protetti kif ukoll ningħataw l-opportunità li mmexxu”, Alda Soraya (23 sena), Indoneżja¹.

1. I ntro duzz joni

Fi

żmien ikkaratterizzat minn diversi sfidi u paradigmi li qed jinbidlu malajr, inkluża l-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna, hemm hteġa ċara li nsaħħu s-sħubija tagħna maż-żgħażaġħ madwar id-dinja biex niksbu bidla trasformattiva pożittiva.

Il-popolazzjoni dinjija taż-żgħażaġħ hija akbar minn qatt qabel², b' 1.8 biljun żaġħżuġħ u żaġħżuġħa bejn l-età ta' 10 snin u 24 sena. Kważi 90 fil-mija taż-żgħażaġħ jgħixu f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju. Fil-kuntest tat-tranżizzjoni demografika globali, dawn in-numri huma mistennija li jkomplu jikbru.

Madwar id-dinja, ż-żgħażaġħ huma aġenti b'saħħithom tal-bidla. Huma għandhom rwol kruċjali fl-indirizzar tal-isfidi globali filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u jixprunaw l-innovazzjonijiet. Ta' spiss ikunu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, l-faqar u l-korruzzjoni, u għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni f'żoni ta' kunflitt. Ħafna minnhom jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali.

Madankollu, l-prospetti u l-kapaċità tagħhom li jaġixxu spiss huma limitati minħabba nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni, impjiegi deċenti, kura tas-saħħa u protezzjoni soċjali u, f'ħafna pajjiżi, minn spazji demokratiċi u ċiviċi li qed jiċkien. L-ostakli legali, kulturali u ekonomiċi jillimitaw il-parteciġazzjoni ċivika u politika taż-żgħażaġħ, li ma twassalx għall-bini tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet u fis-sistemi politiċi.

Iż-żgħażaġħ u t-tfal iġorru l-piż tal-kriżijiet u tal-instabbiltà kkawżati minn konflitti armati, ż-żieda fl-inugwaljanzi, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali. Madwar 600 miljun żaġħżuġħ u żaġħżuġħa jgħixu f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt jew ta' natura fraġli, 71 miljun żaġħżuġħ u żaġħżuġħa huma qiegħda u madwar 264 miljun tifel u tifla u żgħażaġħ huma barra mill-iskola. Il-bniet u n-nisa żgħażaġħ huma partikolarment affettwati.

Il-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt qawwi fuq l-edukazzjoni, l-impjieg, il-benesseri mentali taż-żgħażaġħ u fuq id-dritt tagħhom li jipparteċipaw fil-ħajja pubblika³. Filwaqt li ħafna żgħażaġħ urew impenn kbir biex jipproteġu persuni akbar fl-età u vulnerabbli matul il-pandemija, hija enfasizzat ukoll il-hteġa għal **solidarjetà interġenerazzjonali** akbar biex jinbnew soċjetajiet aktar ugwali, sostenibbli u reżiljenti fl-interess tal-futur tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġħ.

F'kuntest bħal dan, **iż-żgħażaġħ għandhom jingħataw vuċi reali** fit-tfassil tas-soluzzjonijiet li se jkollhom impatt fuq il-ġejjieni tagħhom u l-futur tal-pjaneta.

¹ Attivista taż-Żgħażaġħ u membru tal-Bord ta' Diskussjoni taż-Żgħażaġħ għas-Sħubijiet Internazzjonali tal-UE tal-Kummissjoni Ewropea

² [Ir-Rapport Dinji tan-NU dwar iż-Żgħażaġħ](#)

³ [L-Istħarriġ globali dwar iż-żgħażaġħ u l-COVID-19](#)

Il-pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ (YAP) iwieġeb għal dan l-imperattiv u jipprovdi qafas ta' **politika għal sħubija strateġika maż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna tal-UE**, kif mitlub ukoll mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020⁴. Il-YAP għandu l-għan li jippromwovi l-involvement taż-żgħażaġh bħala sħab strateġiċi, jappoġġa l-awtonomizzazzjoni tagħhom u jisfrutta **d-dividend demografiku**, jibni soċjetajiet aktar reżiljenti u inklużivi u jagħmel progress lejn impenji globali **bħall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs)** tan-Nazzjonijiet Uniti **tal-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima**.

Ir-rispons tal-UE għall-isfidi multipli huwa bbażat fuq il-valuri fundamentali stabbiliti **fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea**. Huwa mmirat lejn il-bini ta' sħubijiet b'saħħithom għall-preżent, l-iżgurar tal-futur tal-ġenerazzjonijiet li jmiss u l-kontribut **għall-ekwità u l-ġustizzja interġenerazzjonali**.

B'enfasi fuq it-tranżizzjoni mit-tfulija għall-ħajja adulta, u bħala riżultat **tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ**⁵, il-YAP isahha id-dimensjoni internazzjonali **tal-istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ**⁶, u jibni fuq **l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal**⁷ li tippromwovi parteċipazzjoni u awtonomizzazzjoni sinifikanti mis-snin bikrin tal-ħajja.

Huwa jibbaża **l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija**⁸ li jenfasizza l-ħtieġa għal parteċipazzjoni ugwali, sħiħa u sinifikattiva taż-żgħażaġh fil-ħajja pubblika u politika, u **l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**⁹. Fl-aħħar nett, jimplimenta **l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (GAP) III**¹⁰, billi jiffoka fuq l-awtonomija tal-bniet u n-nisa żgħażaġh.

Il-YAP ser jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni **tal-Aġenda tan-NU għaż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà** u r-rwol taż-żgħażaġh fil-bini ta' paċi dejjiema, il-kontribut għall-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti¹¹. Il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ huwa ta' natura globali, iżda ser jiġi implimentat ukoll permezz ta' approċċi mfassla apposta adattati għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi taż-żgħażaġh f'reġjuni speċifiċi, eż. fil-pajjiżi tat-tkabbir u tal-viċinat tal-UE, l-Afrika, il-Lvant Nofsani, l-Amerika Latina u l-Karibew u l-Asja u l-Paċifiku.

Iż-żgħażaġh isemmgħu leħinhom

Il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ tfassal wara **konsultazzjonijiet estensivi ma' aktar minn 220 parti kkonċernata** madwar id-dinja, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u tad-drittijiet tat-tfal. Huwa jwieġeb għad-domanda leġittima taż-żgħażaġh, riflessa wkoll fl-eżiti **tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**¹², biex ikunu involuti **b'mod aktar strutturat** fil-proċessi ta' politika u ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.

⁴ [Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna](#)

⁵ [Is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġh 2022](#)

⁶ [L-istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ](#)

⁷ [L-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal u-dokumenti ta' sostenn tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2022](#)

⁸ [Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija](#)

⁹ [Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali](#)

¹⁰ [Il-GAP III](#)

¹¹ Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2250 (2015), 2419 (2018) u 2535 (2020)

¹² [Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa](#)

Kif indikat **mill-Bord Konsultattiv taż-Żgħażaġħ għas-sħubijiet Internazzjonali**¹³, “iż-żgħażaġh ma jistgħux jitqiesu bħala “żidiet” ma’ inizjattivi mmexxija mill-adulti. Iż-żgħażaġh huma kostitwenza li għandhom perspettivi u ħiliet kritiċi b’mod uniku, meħtieġa biex jinfirmaw u jmexxu l-politika, it-twassil tas-servizzi, u r-riċerka. L-ostakli għall-parteeipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġh jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta’ pjan ta’ azzjoni li nħoloq permezz ta’ proċessi li, fihom infushom, ippruvaw jегhlbu dawn l-ostakli”.

2. Lejn sħubija strateġika tal-UE maż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna

L-UE se tkun iggwidata minn erba’ prinċipji fil-bini ta’ sħubija strateġika maż-żgħażaġh:

- **Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri**

L-UE għandha l-għan li tippromwovi l-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh u t-tfal bħala dritt¹⁴, filwaqt li tiżgura **li ħadd ma jitħalla jibqa’ lura**, billi tindirizza l-inugwaljanzi u l-ostakli strutturali, **tintegra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni** u tapplika **approċċ intersezzjonali**¹⁵.

- **Approċċ parteeipattiv għal bidla trasformattiva**

Iż-żgħażaġh se jkunu involuti fil-livell tal-pajjiż, reġjonali u globali **matul iċ-ċikli esterni tal-politika u l-programmi tal-UE**, u b’hekk jikkontribwixxu għas-sjeda taż-żgħażaġh u s-sostenibbiltà tal-azzjonijiet.

- **L-inklużjoni taż-żgħażaġh**

Il-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja ċivika, ekonomika, soċjali, kulturali u politika se tiġi promossa permezz ta’ azzjonijiet speċifiċi mmirati lejn iż-żgħażaġh u permezz tal-integrazzjoni tal-perspettivi u l-ħtiġijiet tagħhom **fil-programmazzjoni, il-politika u d-djalogi politiċi fl-oqsma kollha**.

Pereżempju, **l-għodda li tikkunsidra l-integrazzjoni tal-ġeneru u l-età**¹⁶ tiżgura li gruppi differenti ta’ ġeneru u ta’ età, inkluż iż-żgħażaġh, ikunu involuti u meġġuna b’mod adegwat **mill-għajnuna umanitarja ffinanzjata mill-UE**.

- **Tfassil ta’ politika u obbligu ta’ rendikont ibbażati fuq l-evidenza**

Il-YAP għandu l-għan li jżid id-disponibbiltà u l-kwalità tad-data dwar iż-żgħażaġh li jnaqqsu l-lakuni tematiċi u ġeografiċi¹⁷, filwaqt li jiffoka fuq iż-żgħażaġh bejn 15 u 29 sena. Il-qafas ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni tal-UE tal-azzjoni esterna se jissaħħa, billi tiġi integrata aktar *data* diżaggregata skont l-età, jiġu adottati indikaturi speċifiċi għaż-żgħażaġh u jiġu promossi l-ġbir tad-*data* u r-riċerka orjentata lejn iż-żgħażaġh u mmexxija miż-żgħażaġh.

¹³ [L-Inklużjoni sinifikattiva taż-Żgħażaġħ: Futur promettenti](#)

¹⁴ F’konformità [mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal](#) u [l-approċċ tal-UE bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem](#).

¹⁵ [L-Approċċ intersezzjonali](#), f’konformità mal-oqfsa ta’ politika rilevanti tal-UE: GAP III, [Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ](#), [Pjan ta’ Azzjoni tal-UE Kontra r-Razziżmu](#), [Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabilità](#).

¹⁶ [L-għodda li tikkunsidra l-integrazzjoni tal-ġeneru u l-età](#)

¹⁷ [Taħlita: L-immappjar tad-data internazzjonali dwar iż-żgħażaġh](#), JRC

3. Kif jinkisbu r-riżultati: it-tliet pilastri ta' aġenda orjentata lejn l-azzjoni

Il-YAP jidentifika l-prijoritajiet u l-oġġettivi ewlenin tul it-tliet pilastri **INVOLVI RUĦEK**, **KUN AWTONOMU** u **IKKOMUNIKA**, li jirriflettu t-tliet oqsma ewlenin ta' azzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.

L-UE se tippromwovi **approċċ ta' Tim Ewropa**¹⁸ fl-implimentazzjoni tal-YAP, filwaqt li taħdem mas-sħab ewlenin u mal-partijiet ikkonċernati fil-livelli tal-pajjiżi, reġjonali u multilaterali.

3.1 Sħubija għall-INVOLVIMENT

Iż-żgħażaġh jitolbu u jistħoqqilhom approċċ komprensiv biex tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikanti, inklużiva u effettiva taż-żgħażaġh. Għal dan l-għan, ambjent favorevoli għall-parteeipazzjoni jirrikjedi l-ħolqien ta' spazji u opportunitajiet sikuri adattati għaż-żgħażaġh u għat-tfal, filwaqt li jippermetti liż-żgħażaġh minn sfondi differenti jinvolve ruħhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet demokratiċi, iqajjem kuxjenza u jsaħħaħ il-kapaċità ta' dawk li jfasslu l-politika biex jaħdmu maż-żgħażaġh.



L-UE hija impenjata li żżid il-vuċi u t-tmexxija taż-żgħażaġh, b'mod partikolari t-tfajliet u l-bniet, attivisti u organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, fil-livelli kollha ta' governanza, mill-politika domestika għal fora multilaterali, u fi ħdan il-proċessi tal-UE. Il-panels taċ-Ċittadini Ewropej tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li terz minnu kien kompost miż-żgħażaġh (16-25 sena), ipprovdew eżempju ewlieni għall-ħolqien ta' spazju għal djalogu interġenerazzjonali.

3.1.1 Involvement sinifikanti taż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna tal-UE

L-UE se **ssaħħaħ l-involvement istituzzjonali taż-żgħażaġh** biex:

- Tippromwovi l-involvement taż-żgħażaġh **fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ** tal-politiki u l-azzjonijiet esterni tal-UE;
- Tiżgura aktar **responsabbiltà** dwar **kwistjonijiet taż-żgħażaġh permezz ta' komunikazzjoni strateġika, inklużiva u parteċipattiva** biex jintlaħqu ż-żgħażaġh, inklużi t-tfal, fid-diversità kollha tagħhom.

L-involvement istituzzjonali taż-żgħażaġh tal-UE se **jinkiseb** permezz ta':

- **Pjattaforma tal-UE għal djalogu regolari** mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh,

¹⁸ [Tim Ewropa jikkonsisti mill-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-UE inkluż l-aġenziji ta' implimentazzjoni tagħhom u l-banek tal-iżvilupp pubbliku kif ukoll il-Bank Ewropew tal-Investment \(BEI\) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp \(BERŻ\).](#)

bħala element ġdid **tal-Forum Politiku dwar l-Iżvilupp**¹⁹. Il-karatteristiċi ewlenin tiegħu se jiġu definiti fi sħubija mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ sal-2023²⁰.

- **Il-Bord ta' Diskussjoni taż-Żgħażaġħ għal Sħubijiet Internazzjonali**²¹, stabbilit fl-2021, biex jagħti pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ fl-azzjoni esterna.
- **Konsultazzjonijiet obbligatorji tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ fil-proċess ta' programmazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali)**²².
- **Il-pjanijiet direzzjonali tal-pajjiżi għall-involvement tal-UE mas-soċjetà ċivili**, li jintegraw perspettiva taż-żgħażaġħ u jiżguraw li l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ jipparteċipaw b'mod sinifikattiv.
- **Strutturi konsultattivi għaż-żgħażaġħ** li jipprovdu pariri lid-Delegazzjonijiet tal-UE (DUE) dwar prijoritajiet speċifiċi għall-pajjiż. Sal-2027, dawn se jkunu fis-seħħ fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi sħab.
- **Kapaċità istituzzjonali msaħħa u għarfien espert tal-persunal tal-UE** dwar kif jaħdmu maż-żgħażaġħ u għalihom u dwar il-protezzjoni tat-tfal permezz ta' taħriġ, linji gwida u kondivizzjoni ta' prattiki tajba. Sal-2024, 80 % tad-delegazzjonijiet tal-UE se jkollhom **punti fokali għaż-żgħażaġħ**.

3.1.2 It-titjib tal-involvement taż-żgħażaġħ fil-livell reġjonali u multilaterali

F'dawn l-aħħar snin, iż-żgħażaġħ dejjem aktar appoġġaw soluzzjonijiet multilaterali għal kwistjonijiet globali.

- Tippromwovi **l-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġħ fit-tfassil tal-politika multilaterali**, billi ssegwi r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar **l-Aġenda Komuni Tagħna**²³ u tappoġġa l-istabbiliment ta' **Uffiċċju tan-NU għaż-Żgħażaġħ**²⁴.
- Tinvolve liż-żgħażaġħ f'diskussjonijiet dwar **sħubijiet u kooperazzjoni reġjonali**, pereżempju fir-relazzjonijiet tal-UE mal-Afrika, l-Asja, l-Amerika Latina u l-Karibew, il-pajjiżi tal-Viċinat²⁵, ir-reġjun tal-Mediterran u l-pajjiżi tal-Golf.

Biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, **l-UE se tniedi**:

- **Il-programm EU@UN tad-delegati taż-żgħażaġħ**, li se jappoġġa l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ ibbilanċjata bejn il-ġeneri u diversa f'fora multilaterali u jsaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tfassil tal-politika multilaterali. L-UE ser tippromwovi djalogu formali maż-żgħażaġħ bħala

¹⁹ [Il-Forum ta' Politika dwar l-Iżvilupp](#)

²⁰ Is-sinerġiji u l-iskambji tal-aħjar prattiki jistgħu jiġu żgurati mal-Pjattaforma futura tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal

²¹ [Il-Bord ta' Diskussjoni taż-Żgħażaġħ](#)

²² [L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali](#)

²³ [In-NU L-Aġenda Komuni Tagħna](#)

²⁴ [Ir-Riżoluzzjoni tan-NU A/RES/76/306](#)

²⁵ [Il-Viċinat u t-Tkabbir tal-UE](#)

karatteristika permanenti tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa u l-Konferenza tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, u tiffaċilita l-koordinazzjoni fost id-delegati taż-żgħażaġh tal-UE fil-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent u proċessi multilaterali oħra.

- **Il-laboratorju taż-Żgħażaġħ UA-UE**, li se jsaħħaħ id-djalogu maż-żgħażaġh dwar is-Sħubija Afrika-UE²⁶ billi jappoġġa liż-żgħażaġh u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh mill-Afrika, l-Ewropa u d-dijaspora biex flimkien joħolqu soluzzjonijiet għall-isfidi globali.

L-UE se tikkontribwixxi wkoll aktar għall-involviment taż-żgħażaġh fil-livell reġjonali u multilaterali permezz tal-inizjattivi eżistenti li ġejjin:

- **Il-programm “Young Mediterranean Voices”**, li jappoġġja l-kooperazzjoni bejn iż-żgħażaġh fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran fl-affarijiet pubbliċi u f'inizjattivi trasformattivi lokali u reġjonali. Erasmus+ se jappoġġa wkoll il-bini tal-kapaċità fil-qasam taż-żgħażaġh fil-Balkani tal-Punent u fin-Nofsinhar tal-Mediterran.
- **Il-programm EU4Youth**, li jrawwem il-parteċipazzjoni u t-tmexxija taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika **fis-Sħubija tal-Lvant**²⁷, **speċjalment fl-Ukrajna**.
- **In-network tal-Ambaxxaturi Żgħażaġħ Ewropej** fil-Balkani tal-Punent u s-Sħubija tal-Lvant u **l-Ambaxxaturi ta' Rieda Tajba** fil-Viċinat tan-Nofsinhar.
- **Il-promozzjoni tal-involviment taż-żgħażaġh fil-qafas tal-Aġenda l-ġdida għall-Mediterran**²⁸, b'mod partikolari billi nibnu fuq l-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ tal-Unjoni għall-Mediterran 2030, u **s-Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Golf**²⁹.
- **L-involviment taż-żgħażaġh fil-proċessi reġjonali** li ġejjin fl-Asja, l-Amerika Latina u l-Karibew, jew reġjuni oħra, **bħall-Forum tal-Mexxejja Żgħażaġħ UE-ASEAN**.
- **L-istrateġiji Makroreġjonali tal-UE**, li jinvolvu liż-żgħażaġh fil-governanza u fid-djalogi politiċi tagħhom u fil-programmi **Interreg** li jappoġġaw l-involviment taż-żgħażaġh fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, jiffinanzjaw l-azzjonijiet taż-żgħażaġh u jippromwov u l-Inizjattiva ta' Volontarjat għaż-Żgħażaġh³⁰.
- **It-tmexxija konġunta tal-koorti tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh tas-Summit għad-Demokrazija tal-2023**³¹.

²⁶ [Is-Sħubija Afrika-UE u s-sitt Summit UE-AU](#)

²⁷ [Is-Sħubija tal-Lvant tal-UE](#)

²⁸ [Aġenda ġdida għall-Mediterran u l-Unjoni għall-Istrateġija Mediterranja għaż-Żgħażaġħ 2030](#)

²⁹ [Sħubija strateġika mal-Golf](#)

³⁰ [L-Istrateġiji Makroreġjonali tal-UE, il-Manifest taż-Żgħażaġħ, Żgħażaġħ Volontarji tal-Interreg](#)

³¹ [Summit għad-Demokrazija](#)

3.1.3 Ambjent favorevoli għall-parteċipazzjoni ċivika u politika taż-żgħażaġh

Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u t-tfal fil-proċessi politiċi formali għadha baxxa madwar id-dinja, minħabba ostakli strutturali, preġudizzji kulturali, u l-erożjoni tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi³². It-talba għar-rikonoxximent u l-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem taż-żgħażaġh, inkluż il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni, il-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika u politika, u b'mod partikolari f'elezzjonijiet ġusti, inklużivi, aċċessibbli, trasparenti u paċifiċi, hija parti essenzjali mill-azzjoni tal-UE dwar **il-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem** fil-pajjiżi sħab.

L-azzjoni tal-UE għandha l-għan li:

- Trawwem **djalogu politiku** ma' pajjiżi sħab, dwar l-involviment u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u t-tfal;
- Tippromwovi **l-inklużjoni taż-żgħażaġh** fi djalogi politiċi u ta' politika mal-awtoritajiet nazzjonali³³;
- Tiżgura **l-inklużjoni, l-parteċipazzjoni u t-tmexxija sinifikattiva tal-bniet** fit-tehied tad-deċiżjonijiet;
- Isaħħaħ **il-kapaċitajiet nazzjonali** biex jaħdmu għaż-żgħażaġh u magħhom u biex jiġu appoġġati l-oqfsa ta' politika nazzjonali rilevanti dwar iż-żgħażaġh, filwaqt li jitqiesu l-prinċipju tal-ġustizzja u d-djalogu interġenerazzjonali;
- Tappoġġa l-involviment ċiviku taż-żgħażaġh, il-volontarjat u t-tmexxija;
- Tippromwovi **l-inklużjoni taż-żgħażaġh fil-listi tal-partiti politiċi** għal siġġijiet rebbieħa u għat-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li joħorġu bħala kandidati;
- Iżżid l-aċċess għad-dokumenti tal-identità nazzjonali u r-reġistrazzjoni tal-votanti, biex jiġi żgurat id-dritt tal-vot;
- Issaħħaħ **il-protezzjoni ta' attivisti żgħażaġh u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem**, inkluż l-avukati tal-LGBTIQ, kif ukoll tiġġieled in-narrattivi razzisti, id-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni online filwaqt li tiddefendi l-libertà tal-espressjoni.



Biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, l-UE se tniedi:

³² [Iż-Żgħażaġħ u s-sodisfazzjon bid-demokrazija](#)

³³ Pereżempju, il-Politika UE-Artiku tippromwovi d-djalogu ta' dawk li jfasslu l-politika maż-żgħażaġh tal-Artiku, biex toħloq sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi attwali tal-Artiku, tinvolvi liż-żgħażaġh fl-implimentazzjoni tal-istrategġja tal-UE u tiżgura s-sostenibbiltà tagħha.

- L-Inizjattiva Żgħażaġħ u Nisa fid-Demokrazija, li ser tippromwovi l-pluraliżmu politiku u l-inklużività tal-proċessi demokratiċi billi ttejjeb il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u n-nisa fl-aspetti kollha tal-ħajja pubblika. Ir-rwol taż-żgħażaġh fil-partiti politiċi u l-parlamenti se jissaħħaħ permezz tal-bini tal-kapaċità, in-networking, it-tagħlim bejn il-pari u l-mentoraġġ. Din l-inizjattiva se tappoġġa l-organizzazzjonijiet lokali u l-attivisti żgħażaġh fis-sorveljanza istituzzjonali, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-osservazzjoni elettorali taċ-ċittadini, il-promozzjoni tar-riformi demokratiċi, l-edukazzjoni ċivika, il-promozzjoni tad-dritt tal-vot, il-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda u d-drittijiet tal-bniedem.

L-UE se **tippromwovi wkoll aktar il-parteċipazzjoni ċivika u politika taż-żgħażaġh f'pajjiżi sħab** permezz tal-inizjattivi eżistenti li ġejjin:

- **Il-mekkaniżmu l-ġdid tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem**, biex jiġi indirizzat it-theddid speċifiku li jiffaċċjaw id-difensuri u l-attivisti żgħażaġh tad-drittijiet tal-bniedem.
- **Il-Campus Globali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** bħala ċentru globali ewlieni għall-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem.
- Il-Laboratorji tal-Politika dwar iż-Żgħażaġħ fir-reġjun tal-Viċinat, il-Balkani tal-Punent³⁴ u l-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumieħ fl-UE, biex jippromwovu modi innovattivi biex jinvolvu liż-żgħażaġh fi djalogi ta' politika, biex joħolqu u jimmonitorjaw b'mod konġunt l-implimentazzjoni ta' politiki rilevanti għaż-żgħażaġh u jsaħħu l-mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni taż-żgħażaġh.
- Erasmus+³⁵, biex jappoġġa inizjattivi mmexxija miż-żgħażaġh fit-Turkija, il-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi tal-Viċinat.
- L-inizjattivi għall-iżvilupp tal-bniedem, li jibnu fuq il-programm **EUROsocial+**, biex jappoġġaw l-isforzi ta' politika fl-Amerika Latina u l-Karibew li jinvolvu liż-żgħażaġh biex itejbu l-aċċess inklużiv għas-saħħa, l-edukazzjoni, is-suq tax-xogħol, il-governanza tajba u l-parteċipazzjoni politika.

3.1.4 kontribut għall-implimentazzjoni tal-aġenda għaż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà

L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw bis-sħiħ it-tliet Riżoluzzjonijiet suċċessivi tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU) dwar l-aġenda taż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà (YPS) u l-implimentazzjoni globali tagħhom. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2020 dwar iż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna, l-Istati Membri tal-UE enfasizzaw il-ħtieġa li ż-żgħażaġh jiġu involuti b'mod attiv u inklużiv fl-isforzi biex tinbena paċi dejjiema, jingħata kontribut għall-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni u jiġi miġġieled l-estremiżmu vjolenti. L-UE hija impenjata li ssegwi l-oqsma ta' ħidma deskritti fir-Riżoluzzjoni 2250 tal-KSNU: il-parteċipazzjoni, il-protezzjoni, il-prevenzjoni, is-sħubijiet u d-diżarm, id-demobilizzazzjoni u r-reintegrazzjoni. Dan qed isir dejjem aktar importanti f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt madwar id-dinja, mhux l-inqas fl-Afrika u fil-Lvant Nofsani, u wara l-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna.

³⁴ [L-involvement tal-UE mal-Balkani tal-Punent](#)

³⁵ [Erasmus+ iffinanzjat taħt strumenti ta' azzjoni esterna](#)

L-azzjoni tal-UE għandha l-għan li:

- Tappoġġa **l-parteeipazzjoni inklużiva u sinifikattiva** taż-żgħażaġh f'mekkaniżmi nazzjonali u internazzjonali għall-promozzjoni ta' paċi dejjiema u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti;
- Tippromwovi sħubijiet inklużivi ma' u fost **il-bennejja tal-paċi żgħażaġh** u tappoġġa **l-parteeipazzjoni u t-tmexxija taż-żgħażaġh fil-konsolidazzjoni tal-paċi**;
- Iżżid **l-appoġġ għal nisa u bniet żgħażaġh f'pajjiżi fraġli u milquta minn kunflitti** f'konformità mal-Aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà;
- Issaħħaħ id-dimensjoni taż-żgħażaġh **fil-medjazzjoni għall-paċi**, inkluż bl-iżvilupp ta' gwida konkreta u l-bini tal-kapaċità;
- Issaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-Paċi u s-Sigurtà taż-Żgħażaġħ **ma' organizzazzjonijiet internazzjonali**, u l-integrazzjoni fi djalogi dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti, l-medjazzjoni jew ir-riforma tas-settur tas-sigurtà;
- Tiżviluppa inizjattivi biex jiġi miġġieled l-estremiżmu vjolenti, b'mod partikolari **r-radikalizzazzjoni online**³⁶.
- **Tiproteġi lit-tfal f'kunflitt armat**, tipprevjeni u ttemm il-vjolenza (inkluż dik sesswali), tippromwovi l-konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali, toffri appoġġ psikosoċjali u aċċess għal ġustizzja adattata għat-tfal u għajnuna għal tfal mhux akkumpanjati u separati, anke fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukraina

Biex tiġi implimentata **l-aġenda għaż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà, l-UE se:**

- Tagħmel użu minn **fora multilaterali** xierqa, inkluż in-NU, biex jippromwovu l-inklużjoni taż-żgħażaġh u l-implimentazzjoni tal-aġenda tal-YPS.
- **Ittejjeb is-sensittività għaż-żgħażaġh** tas-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-UE għall-kunflitti u fl-analiżi tal-kunflitti, filwaqt li tagħti attenzjoni lid-dinamika interġenerazzjonali u lill-azzjonijiet preventivi konkreti li jinkorporaw l-angolu taż-żgħażaġh.
- Tintegra **l-aġenda tal-YPS fid-djalogi politiċi tal-UE**.
- Tiżviluppa **gwida konkreta dwar iż-żgħażaġh fil-medjazzjoni tal-UE għall-paċi**.
- Tirrieżamina u taġġorna **l-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tfal u l-Kunflitt Armat** biex tissaħħaħ l-azzjoni tal-UE għall-protezzjoni tat-tfal affettwati minn kunflitt armat.
- **Tibni l-kapaċità tal-persunal tal-UE fuq l-aġenda tal-Paċi u s-Sigurtà taż-Żgħażaġħ**, pereżempju fil-prevenzjoni tal-kunflitti u t-taħriġ ta' medjazzjoni fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.
- Tinkorpora d-dimensjoni taż-Żgħażaġħ għall-Paċi u s-Sigurtà fl-isforzi **għall-prevenzjoni tal-kunflitti u l-ġestjoni tal-kriżijiet**.

³⁶ [II-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti](#)

- **Tinvolvi ruħha mal-komunitajiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti** fl-iżvilupp ta' strateġiji li japprovaw ir-rwol pożittiv taż-żgħażaġh u t-tfal fil-promozzjoni tal-paċi.
- Fil-qafas **tas-Sħubija Strateġika mal-Golf**, tappoġġa inizjattivi dwar ir-riċerka u l-edukazzjoni, li jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali.
- **Fl-Afrika**, tappoġġa l-implimentazzjoni tal-inizjattiva **“Extremely together”** dwar l-antiradikalizzazzjoni, kif ukoll **il-kooperazzjoni li għaddejja bejn in-networks taż-żgħażaġh u s-Segretarjat Eżekuttiv tal-G5 tas-Sahel**.

3.2 Sħubija għall-AWTONOMIJA

Iż-żgħażaġh ikunu awtonomi meta jinstemgħu l-ilħna tagħhom u jiġu indirizzati **l-inugwaljanzi** li jaffettwawhom haġġithom.

3.2.1 Trasformazzjoni tal-edukazzjoni

L-edukazzjoni ta' kwalità u t-tagħlim tul il-ħajja huma drittijiet bażiċi tal-bniedem u jippermettu l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza attiva u l-għajxien sostenibbli.

Wiseq tfal u żgħażaġh għadhom imċaħħda minn aċċess ekwu għal edukazzjoni b'xejn u ta' kwalità, b'mod partikolari l-bniet u dawk affettwati mill-kriżi. Id-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess u ġeneru, il-kunflitti, l-emerġenzi umanitarji, il-vjolenza, il-faqar u n-nuqqas ta' għalliema u skejjel huma l-fatturi ewlenin li jifgħu miljuni ta' nies barra mill-iskola f'età bikrija. Ħafna minnhom huma soġġetti għal tħaddim tat-tfal³⁷, skjavitù moderna³⁸ inkluż xogħol furzat jew żwieġ furzat tat-tfal, tqala³⁹ jew reklutaġġ bħala suldati tfal. Iż-żgħażaġh vulnerabbli, il-persuni spostati, il-minoranzi u dawk b'diżabbiltà spiss jiġu esklużi mill-edukazzjoni.

Il-pandemija tal-COVID-19 aggravat in-nuqqasijiet severi u l-fraġilità tas-sistemi edukattivi, inkluż id-distakk diġitali⁴⁰. Hemm riskju reali li ġenerazzjoni sħiħa tinqabad fi spirali ta' tnaqqis fl-opportunitajiet.



L-UE qed taħdem biex treġġa' lura l-kriżi tat-tagħlim u biex tippromwovi aċċess ekwu għal edukazzjoni mingħajr ħlas u ta' kwalità mil-livelli primarji għal dawk terzjarji. Hija għandha l-għan li **tinvesti fl-edukazzjoni mill-inqas 10 % tal-finanzjament globali** taħt l-

³⁷ 160 miljun tifel u tifla ta' bejn 5 snin u 17-il sena qed jiġu mħaddma. Nofshom iwettqu xogħol perikoluż, [ILO/UNICEF](#)

³⁸ L-iskjavitù moderna hija definita mill-ILO permezz ta' żewġ komponenti prinċipali: ix-xogħol furzat u ż-żwieġ furzat. Skont [l-ILO/IOM 2022 Stima tax-Xogħol Furzat](#), hemm aktar minn 3,3 miljun tifel u tifla f'xogħol furzat.

³⁹ 127 miljun tifla fl-età tal-iskola primarja u sekondarja huma barra mill-iskola, [UNESCO](#)


⁴⁰ [It-Tfal u żgħażaġh b'aċċess għall-internet mid-dar, UNICEF](#)

Ewropa Globali għall-Afrika sub-Saħarjana, l-Amerika Latina u l-Karibew, l-Asja u l-Paċifiku **inkluż permezz ta' investimenti ta' Global⁴¹ Gateway**.

Barra minn hekk, l-UE talloka **10 % tal-finanzjament tal-għajnuna umanitarja tagħha għall-edukazzjoni f'emerġenzi u kriżijiet fit-tul⁴²** biex jintlaħqu l-aktar tfal u żgħażaġħ emarġinati, inklużi dawk f'żoni ta' kunflitt armat u siti ta' refuġjati.

L-azzjoni tal-UE għandha l-għan li:

- Tappoġġa **riformi fl-edukazzjoni bbażati fuq l-evidenza** f'pajjiżi sħab b'enfasi fuq l-aċċess, l-ekwità, il-kwalità, l-inklużjoni, il-governanza, il-programmi u l-finanzjament trasformattivi fir-rigward tal-ġeneru, b'segwitu wkoll **għas-Summit tan-NU tal-2022 dwar it-Trasformazzjoni tal-Edukazzjoni⁴³**;
- Tippromwovi **l-edukazzjoni tal-bniet** biex jinkiseb aċċess ugwali għall-forom kollha ta' edukazzjoni u taħriġ;
- Tappoġġa **edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità** għaż-żgħażaġħ kollha, b'mod partikolari l-adolesxenti emarġinati, iż-żgħażaġħ LGBTIQ u ż-żgħażaġħ b'diżabilità;
- **Itemm it-tħaddim tat-tfal**, bl-applikazzjoni tal-approċċ ta' tolleranza żero tal-Kummissjoni, permezz ta' leġislazzjoni⁴⁴, miżuri ta' rimedju u prevenzjoni, inkluż l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema tfal fl-edukazzjoni u t-taħriġ, f'konformità mas-Sejħa għal Azzjoni ta' Durban⁴⁵;
- Tiżgura aċċess **għal edukazzjoni sikura u ta' kwalità matul kriżijiet umanitarji**, timminimizza l-impatt fuq id-dritt għall-edukazzjoni u tappoġġa lill-awtoritajiet biex jergġhu jibdeu is-servizzi tal-edukazzjoni matul jew wara kriżi;
- Tinvesti fl-għalliema biex jittejjbu l-eżiti tat-tagħlim u l-iżvilupp soċjoemmozzjonali tat-tfal u ż-żgħażaġħ;
- Tippromwovi **l-ħajja u l-ħiliet tax-xogħol tas-seklu 21**, inkluż dwar l-edukazzjoni ċivika, it-tibdil fil-klima, l-ambjent, il-media u l-litteriżmu kulturali⁴⁶;
- Tinvesti **f'edukazzjoni diġitali ta' kwalità għolja u inklużiva** biex jiġi żgurat li ż-żgħażaġħ u l-għalliema jkollhom ħiliet diġitali bażiċi u l-opportunità li jiksibu ħiliet



⁴¹ [Global Gateway](#)

⁴² [Il-Komunikazzjoni dwar l-Edukazzjoni f'Emerġenzi u Kriżi fit-Tul](#)

⁴³ [Is-Summit tan-NU tal-2022 dwar it-Trasformazzjoni tal-Edukazzjoni](#)

⁴⁴ [Il-Proposta għal regolament dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmula b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni](#)

⁴⁵ [Is-Sejħa għal Azzjoni ta' Durban](#)

⁴⁶ Il-mudell tal-iskejjel Ewropej jipprovdi wkoll eżempji rilevanti li jistgħu jintużaw globalment

digitali⁴⁷ speċjalizzati f'konformità mal-aspirazzjonijiet professjonali tagħhom u biex isaħħu r-reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni. Dan jinkludi wkoll it-titjib **tal-aċċess għal internet affordabbli, stabbli u b'veloċità għolja**⁴⁸;

Biex jintlaħqu dawn l-oġettivi, l-UE se:

- Iżżid **il-finanzjament, id-djalogu politiku u l-assistenza teknika** biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-pajjiżi sħab biex jiksbu l-SDG 4 dwar edukazzjoni ta' kwalità⁴⁹.

L-UE se tkompli tappoġġa wkoll it-trasformazzjoni tal-edukazzjoni billi:

- Tniedi **l-Programm tal-Għalliema Reġjonali l-ġdid fl-Afrika**, li għandu l-għan li jagħmel it-tagħlim karriera attraenti għaż-żgħażaġh.
- Tmexxi l-appoġġ **għall-inizjattivi tas-Sħubija Globali għall-Edukazzjoni**⁵⁰ u **Education Cannot Wait**⁵¹, li jawtonomizzaw lill-bniet, lill-adolexxenti u lill-gruppi vulnerabbli permezz ta' edukazzjoni ta' kwalità.
- Tinvesti **f'opportunitajiet ta' tagħlim formali u mhux formali f'emerġenzi umanitarji**. Il-programmi tal-UE jtaffu t-tfixkil tal-edukazzjoni u l-iżvilupp psikosoċjali tat-tfal f'kuntesti ta' kriżi, pereżempju fis-Sahel, l-Etjopja, l-Afganistan, il-Bangladesh, is-Sirja jew il-Jemen.
- Jikkontribwixxu **għar-riabilitazzjoni ta' skejjel li saritilhom il-ħsara fl-Ukrajna**.
- Nibnu fuq l-isforzi fit-tul tal-UE li jappoġġaw l-edukazzjoni f'kuntesti ta' kunflitt u nitgħallmu mill-esperjenza reċenti b'rispons għall-invażjoni Russa tal-Ukrajna, filwaqt li naħdmu ma' pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet umanitarji biex **jiġi ffaċilitat l-aċċess tat-tfal u tar-refuġjati żgħażaġh għall-edukazzjoni** u għal programmi rilevanti tal-UE fil-pajjiż ospitanti.

3.2.2 It-titjib tal-aċċess taż-żgħażaġh għal opportunitajiet ekonomiċi

L-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh huwa marbut mill-qrib **mal-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità**, mal-ġlieda kontra d-dħul prekarju u volatili, u mal-opportunitajiet ta' impjieg indipendenti u ta' intraprenditorija, filwaqt li jiġu promossi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, anke bil-ħsieb li jiġi limitat **l-eżodu ta' mħuħ**.

L-azzjoni tal-UE għandha l-għan li:

⁴⁷ [Il-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini](#)

⁴⁸ [Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali](#)

⁴⁹ L-edukazzjoni hija prijorità fi 80 programm Indikattiv Pluriennali tal-UE fil-pajjiżi sħab

⁵⁰ [Is-Sħubija Globali għall-Edukazzjoni](#)

⁵¹ [L-inizjattiva "Education Cannot Wait"](#)

- Tappoġġa **l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi u d-djalogu soċjali** biex tikkontribwixxi għal **investiment u ambjenti tan-negozju aktar favorevoli għaż-żgħażaġh**;
- Tippromwovi **l-aġenda tax-xogħol deċenti**⁵², li teduka liż-żgħażaġh dwar id-drittijiet tax-xogħol bażiċi tagħhom u tappoġġa lill-pajjiżi sħab fl-iżvilupp **tas-sigurtà soċjali u miżuri attivi tas-suq tax-xogħol**;
- Trawwem **l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh**, billi tappoġġa l-isforzi tal-pajjiżi sħab biex itejbu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u jallinjaw aħjar is-sistemi tal-edukazzjoni mal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol;
- Tappoġġa **l-intraprenditorija taż-żgħażaġh, l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju mmexxija miż-żgħażaġh**, b'enfasi fuq in-nisa żgħażaġh;
- Tgħammar liż-żgħażaġh b'ħiliet ekoloġiċi u tappoġġa **l-impjieg deċenti taż-żgħażaġh u l-intraprenditorija fl-ekonomija ekoloġika**, inkluż fil-biedja riġenerattiva u fis-settur agroalimentari sostenibbli;
- Tippromwovi **t-tagħlim interġenerazzjonali** bejn l-impjegati akbar fl-età u dawk aktar żgħażaġh;
- Trawwem **imġiba u governanza korporattiva** sostenibbli, sensitivi għall-ġeneru u responsabbli, filwaqt li tiżgura li d-drittijiet ambjentali u tal-bniedem jiġu rispettati bis-shih⁵³;
- Tiffaċilita **t-transizzjoni taż-żgħażaġh għall-ekonomija formali** u testendi **l-protezzjoni soċjali** għaż-żgħażaġh impjegati b'mod informali;
- Tappoġġa **l-Konvenzjoni dwar l-Agħar Forom ta' Tħaddim tat-Tfal**⁵⁴, billi tgħin lill-pajjiżi mhux tal-UE jwettqu pjanijiet ta' azzjoni kontra t-tħaddim tat-tfal;
- Tintegra **l-valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-impjiegi taż-żgħażaġh** fi programmi li jappoġġaw l-agroekoloġija, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż għall-investimenti **tal-Global Gateway**.



Biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, **l-UE se tniedi:**

⁵² [Komunikazzjoni dwar ix-Xogħol Deċenti madwar id-Dinja](#)

⁵³ [Il-Proposta għal Direttiva dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva](#)

⁵⁴ [Il-Konvenzjoni 182/1999](#)

- **L-inizjattiva ta' Tim Ewropa reġjonali dwar il-Ħiliet xprunati mill-Opportunitajiet u l-VET** fl-Afrika biex jiġu promossi skambji dwar sħubijiet pubbliċi-privati, li jippermettu liż-żgħażaġh isibu impjiegi.
- L-implimentazzjoni **tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ** skont il-mudell tal-UE biex jittejjbu t-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol **fil-Balkani tal-Punent**⁵⁵ u tiġi esplorata l-attivazzjoni ta' skemi simili fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant u fl-Afrika ta' Fuq.

L-UE se tappoġġa wkoll aktar **l-impjiegi u l-intraprenditorija taż-żgħażaġh** permezz **tal-inizjattivi eżistenti li ġejjin:**

- Proġetti ta' bini tal-kapaċità ta' **Erasmus+** biex tittrawwem l-aċċessibbiltà u r-rispons tal-VET fil-pajjiżi tat-Tkabbir u tal-Viċinat, l-Afrika sub-Saħarjana, u l-Amerika Latina u l-Karibew.
- **Appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq** biex jinvolvu mill-ġdid liż-żgħażaġh, b'mod partikolari n-nisa, li huma barra mill-edukazzjoni, impjiegi jew taħriġ (NEETs) fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol. Il-pjattaforma Reġjonali tal-Unjoni għall-Mediterran dwar l-Impjiegi u x-Xogħol u l-Pjan Direzzjonali tagħha għal Azzjoni 2022-2025 se jiffokaw fuq in-NEETs żgħażaġh u jiżviluppaw l-użu tal-**"Komunitajiet ta' Prattika"**.
- L-inizjattivi tal-UE għall-intraprenditorija taż-żgħażaġh u aċċess imtejjeb għall-finanzjament għal **negozji mmexxija miż-żgħażaġh, bħall-inizjattiva tat-Tim Ewropa Ninvestu fin-Negozji Żgħażaġħ fl-Afrika** li tnediet dan l-aħħar, **il-Pont għall-Innovazzjoni Diġitali bejn l-Afrika u l-Ewropa, il-Patt il-Ġdid għaż-Żgħażaġħ fis-Sħubija tal-Lvant**, u l-mekkaniżmu għall-impjiegi u l-intraprenditorija taż-żgħażaġh permezz ta' **EU4Youth**.
- Skemi ta' investiment innovattivi stabbiliti taħt **il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli+** ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali biex jaqdu l-ħtiġijiet speċifiċi taż-żgħażaġh, bħall-Faċilità **għall-Kondiviżjoni tar-Riskji NASIRA**.
- **L-Azzjoni Globali tal-UE biex jintemm it-Tħaddim tat-Tfal** biex jissaħħu s-sistemi ta' spezzjoni tax-xogħol biex jiġu mmonitorjati u infurzati l-liġijiet dwar it-tħaddim tat-tfal.
- Il-**ħidma tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ**⁵⁶ li tappoġġa lill-pajjiżi sħab biex isaħħu l-kapital uman u jtejjbu **l-kwalità tas-sistemi tal-VET**. Programmi bħal **DARYA**, fl-Asja Ċentrali, jikkontribwixxu għal sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u impjiegi aħjar u aktar inklużivi.

⁵⁵ [Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ](#)

⁵⁶ [Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ](#)

- **L-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati** biex tissaħħaħ il-kwalità tal-apprendistati u **l-programm Erasmus għall-Imprendituri Żgħażaġħ**⁵⁷, li joffri skambju bejn il-pari tal-għarfien intraprenditorjali fir-reġjun tat-Tkabir.

3.2.3 It-tisħiħ tal-kapaċità taż-żgħażaġh li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u jixprunaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali

Iż-żgħażaġh spiss ikunu **l-ixprun wara soluzzjonijiet innovattivi, bidla fl-imġiba u aċċeleraturi tal-adozzjoni tagħhom** fil-livell lokali. Madankollu, biex jitransformaw l-ideat tagħhom f'inizjattivi li jagħmlu l-bidla, jeħtieġ li jtejbu l-ħiliet u n-networks tagħhom, ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati, jipparteċipaw f'ambjent diġitali sikur u jaċċessaw opportunitajiet ta' finanzjament.

L-azzjoni tal-UE għandha l-għan li:

- Iżżid il-bini tal-kapaċità u **l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh**;
- Tipprovdi r-riżorsi għall-iżvilupp u l-espansjoni ta' **soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli mmexxija miż-żgħażaġh**;
- Tappoġġa **l-intraprenditorija soċjali taż-żgħażaġh**⁵⁸ bħala mudell ta' negozju biex jiġu rikonċiljati l-progress ekonomiku u s-sostenibbiltà;
- Tippermetti l-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġh **fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fid-djalogi ta' politika dwar il-klima, l-ambjent u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri**;
- Tippetwovi **l-parteeċipazzjoni u t-tmexxija tal-bniet u n-nisa** biex jiġu żgurati strateġiji reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru dwar l-ambjent, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluż l-ilma;
- Issaħħaħ il-parteeċipazzjoni **taż-żgħażaġh, inkluż il-bniet, fit-tranżizzjoni diġitali**, u tappoġġa ambjenti diġitali pożittivi u sikuri billi tippetwovi **d-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali**⁵⁹ u **l-Istrateġija għal Internet Aħjar għat-Tfal (BIK+)**⁶⁰, inkluż attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u appoġġ għall-bini tal-kapaċità;
- Tippetwovi l-użu ta' **għodod diġitali adattati għaż-żgħażaġh** biex titqajjem kuxjenza dwar il-kriżi tan-natura, b'inizjattivi **bħall-Pollinator Park**⁶¹.

Biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, **l-UE se tniedi**:

- **Il-Fond ta' Awtonomizzazzjoni taż-Żgħażaġħ**, inizjattiva pilota ġdida li se tappoġġa organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-livell lokali u inizjattivi mmexxija miż-żgħażaġh. L-oġġettiv ġenerali tal-Fond huwa li jrawwem il-kontribut taż-żgħażaġh għall-SDGs fil-komunitajiet tagħhom. Dan se jinkludi żewġ komponenti tematiċi ddedikati għall-promozzjoni ta' azzjonijiet taż-żgħażaġh dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima u l-inklużjoni ta' żgħażaġh vulnerabbli u emarġinati. B'mod aktar

⁵⁷ [Il-Programm Erasmus għal Intraprendituri Żgħażaġħ](#)

⁵⁸ [Il-Pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali](#)

⁵⁹ [Id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali Ewropej](#)

⁶⁰ [L-istrateġija l-ġdida tal-UE għal internet aħjar għat-tfal \(BIK +\)](#)

⁶¹ [Il-Pollinator Park](#)

flessibbli u aċċessibbli, se jipprovdi arranġamenti ta' finanzjament fuq skala żgħira u faċli għaż-żgħażaġh u appoġġ tat-tip aċċelleratur biex jespandu inizjattivi li jħallu impatt (eż. it-taħriġ, it-tagħlim bejn il-pari, il-mentoraġġ, in-networking, il-promozzjoni). Iż-żgħażaġh se jiġu inklużi fil-governanza tal-programm, inkluż fil-monitoraġġ u r-rappurtar.

L-UE se **tippovdi wkoll finanzjament u bini ta' kapaċità għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh** permezz ta':

- **il-programm Tematiku għall-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili** taħt l-NDICI-Ewropa Globali.
- **Il-Programm Erasmus+**
- **il-programm EU4Youth**

3.2.4 Appoġġ għas-saħħa, il-benesseri mentali u fiżiku u l-aċċess għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi

Is-saħħa u l-benesseri huma prerekwiżit biex iż-żgħażaġh jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà Huma jiffaċċjaw sfidi kbar fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u l-informazzjoni, inkluż dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) u s-saħħa mentali. Il-pandemija u l-kunflitti tal-COVID-19 komplew jiddeterjoraw is-sitwazzjoni. Is-saħħa mentali hija affettwata wkoll minn telf ta' perspettiva marbut mat-tibdil fil-klima, il-gwerer fit-tul, l-ispostament furzat, ir-razziżmu jew id-diżinformazzjoni.

L-azzjoni tal-UE għandha l-għan li:

- **Issaħħaħ is-sistemi tas-saħħa, tindirizza l-inugwaljanzi u tavanza lejn kopertura universali tas-saħħa**, li tibda mis-saħħa materna u perinatali;
- Tappoġġa servizzi tas-saħħa komprensivi, sikuri, inklużivi u **adattati għat-tfal u għaż-żgħażaġh, inkluż servizzi tas-saħħa mentali u s-servizzi tas-saħħa diġitali**;
- Tappromwovi **l-aċċess universali għall-SRHR favur iż-żgħażaġh**, b'servizzi u informazzjoni ta' kwalità u affordabbli, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, il-prevenzjoni u t-trattament tal-HIV u l-AIDS, b'enfasi fuq il-bniet adolexxenti, iż-żgħażaġh emarġinati u ż-żgħażaġh LGBTIQ;
- Tipproteġi liż-żgħażaġh mill-effetti dannużi tat-tabakk u prodotti relatati, tappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa **tal-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk u l-Protokoll tagħha biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk**.



Biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, **L-UE se tgħin biex tippromwovi s-saħħa u l-benesseri**

taż-żgħażaġh permezz ta’:

- Approċċ adattat għaż-żgħażaġh **għall-istrateġija globali l-ġdida tal-UE dwar is-saħħa.**
- **Inizjattiva reġjonali ġdida ta’ Tim Ewropa dwar Ambjent Abilit għas-għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (sexual and reproductive health and rights, SRHR)** biex tikkontribwixxi biex tintlaħaq **kopertura universali għall-SRHR fl-Afrika.**
- **L-inizjattiva Spotlight⁶²**, li tikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-Afrika, l-Amerika Latina u l-Karibew, l-Asja u l-Paċifiku, billi tipprevjeni u teqred **il-mutilazzjoni ġenitali femminili u ttemm iż-żwieġ furzat u bikri.**

3.3 Sħubija għall-KOMMUNIKAZZJONI

L-UE għandha l-għan li tippromwovi l-mobbiltà taż-żgħażaġh, l-iskambji u n-networking bħala aspett essenzjali tad-dimensjoni bejn il-persuni tal-istrateġija tal-Global Gateway. L-għan huwa li jiġu żgurati d-diversità u l-inklużività, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-ostakli soċjali u ekonomiċi, id-distakk diġitali u r-riskji relatati mad-diżinformazzjoni.



3.3.1 Żieda fl-opportunitajiet għall-mobbiltà fl-edukazzjoni, it-taħriġ u x-xogħol

Iż-żjarat barra mill-pajjiż, biex iż-żgħażaġh jistudjaw, jitħarrġu jew jaħdmu, jixprunaw il-kisbiet edukattivi, professjonali u personali tagħhom, kif ukoll il-fehim interkulturali u l-innovazzjoni.

L-azzjoni tal-UE għandha l-għan li:

- Tippromwovi **l-mobbiltà tat-tagħlim inklużiv** u żżid l-opportunitajiet ta’ tagħlim;
- Trawwem skambji **għall-iżvilupp professjonali u personali** taż-żgħażaġh.

Biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, **l-UE se tappoġġa l-mobbiltà taż-żgħażaġh permezz ta’:**

- Diversi inizjattivi taħt il-Pakkett ta’ Investiment tal-Global Gateway UE-Afrika, **bħall-Iskema ta’ Mobbiltà Akkademika Intra-Afrikana, l-inizjattiva għall-Armonizzazzjoni tal-Aċċertament u l-Akkreditazzjoni tal-Kwalità tal-Edukazzjoni Għolja Afrikana, u l-Qafas għall-Kwalifiki Kontinentali Afrikani,**

⁶² [L-inizjattiva Spotlight](#)

biex (i) tingħata spinta lill-mobbiltà taż-żgħażaġh fl-Afrika, u mal-UE, (ii) tissaħħaħ l-integrazzjoni kontinentali, (iii) tiżdied l-attraenza tal-Afrika bħala destinazzjoni ta' studju u (iv) tittejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh.

- **Il-programm Erasmus+ u l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie**, li jappoġġaw l-iżvilupp professjonali u personali tal-istudenti, tal-persunal u tar-riċerkaturi.
- **Il-programm SHARE UE-ASEAN**, li jippromwovi l-armonizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja u tal-boroż ta' studju.
- **Il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana u l-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija** b'boroż ta' studju għal refuġjati żgħażaġh biex jaċċessaw l-edukazzjoni, jiksibu ħliet u jsiru awtodipendenti.
- **L-iskema ta' Skambju tal-Iskejjel tal-Balkani tal-Punent "Superschools"**, li żżid il-ħliet u l-għarfien, tippromwovi r-rikonċiljazzjoni u d-djalogu interkulturali fost l-iskejjel, l-istudenti u l-komunitajiet.
- **L-inizjattiva ta' Tim Ewropa Studja fl-Ewropa**, li tipprovdi liż-żgħażaġh madwar id-dinja b'informazzjoni dwar opportunitajiet ta' studju, riċerka u boroż ta' studju fl-UE.
- Opportunitajiet għaż-żgħażaġh biex jivvjaġġaw, jistudjaw, jaħdmu jew jitħarrġu fl-UE skont **is-Sħubijiet ta' Talent**⁶³ previsti ma' pajjiżi sħab identifikati fl-Afrika u l-Asja, kif ukoll potenzjalment taħt **Skema ta' Mobbiltà għaż-Żgħażaġħ tal-UE** li l-fattibbiltà tagħha qed tiġi esplorata.

3.3.2 Il-promozzjoni ta' kuntatti fost iż-żgħażaġh

Iż-żgħażaġh huma ħerqana li jikkomunikaw u jiskambjaw ideat ma' sħabhom madwar id-dinja kollha.

L-azzjoni tal-UE għandha l-għan li:

- Tippromwovi l-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh **fl-edukazzjoni globali dwar iċ-ċittadinanza** għal fehim komuni tal-isfidi globali u thegħgħom jieħdu azzjoni b'mod konġunt;
- Iżżid **l-opportunitajiet ta' networking** għaż-żgħażaġh, inkluż it-tagħlim u l-iskambji bejn il-pari;
- Tinkoraġġixxi l-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh, inkluż il-popli indiġeni, fil-qasam tal-kultura, u **fid-djalogi interkulturali u bejn ir-reliġjonijiet**, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u r-razziżmu;

⁶³ [Is-sħubijiet tat-Talentitnedew](#) fl-2021 bħala wieħed mill-aspetti ewlenin tad-dimensjoni esterna tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u se jirfdu qafas ta' politika komprensiv u appoġġ finanzjarju biex il-pajjiżi sħab ewlenin jiġu involuti b'mod strateġiku fl-oqsma kollha tal-ġestjoni tal-migrazzjoni. Dawn għandhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-UE, l-Istati Membri u s-sħab u li jagħtu spinta lill-mobbiltà internazzjonali tax-xogħol u l-iżvilupp tat-talent b'mod ta' benefiċċju reċiproku.

- **Iżżid il-kwalità u r-rilevanza tal-informazzjoni** għaż-żgħażaġh, u ttejjeb il-komunikazzjoni adattata għat-tfal u ż-żgħażaġh.

Biex trawwem it-tagħlim u l-fehim reċiproku, **L-UE se tniedi:**

- **L-akkademja taż-Żgħażaġħ Afrika-Ewropa**, li se tipprovdi opportunitajiet lill-mexxejja żgħażaġh fl-oqsma u l-komunitajiet rispettivi tagħhom biex jikkomunikaw, jiskambjaw, itejbu l-ħiliet ta' tmexxija tagħhom u jgħolqu network ta' dawh li jgħibu l-bidla.

L-UE se tikkontribwixxi wkoll aktar **għall-promozzjoni tal-kuntatti bejn iż-żgħażaġh permezz tal-inizjattivi eżistenti li ġejjin:**

- **L-inizjattiva EU Alumni u l-azzjonijiet ta' diplomazija pubblika** biex il-parteċipanti żgħażaġh fil-programmi tal-UE jkunu jistgħu jrawmu networks globali u lokali u jinfurmaw lill-pari tagħhom, b'mod partikolari ż-żgħażaġh żvantaġġati, dwar l-opportunitajiet offruti mill-UE u l-Istati Membri tagħha.
- **Il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ**, b'aċċess imtejjeb għal informazzjoni ta' kwalità dwar inizjattivi u opportunitajiet għaż-żgħażaġh f'pajjiżi sħab.
- **Il-programm għall-Edukazzjoni u Sensibilizzazzjoni dwar l-Iżvilupp (Development Education and Awareness Raising programme, DEAR)** li se jżid il-fokus tiegħu fuq il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u jħeġġeġ l-involvement taż-żgħażaġh madwar id-dinja.
- **L-iskema Globali ta' Erasmus+ ta' Mentoraġġ tal-Istudenti**, li tgħaqqad l-Istudenti ta' Erasmus+ mal-parteċipanti potenzjali ta' Erasmus+, anke barra mill-UE.
- Il-programm il-ġdid **Youth Europe Sahel** biex jappoġġa l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u jippromwovi d-djalogu interkulturali, il-koeżjoni tal-bniedem u d-drittijiet tal-bniedem u jgħolqu pjattaforma biex iż-żgħażaġh fir-reġjun jiġu infurmati dwar opportunitajiet ta' żvilupp personali u professjonali.
- **Il-programm tar-Relazzjonijiet Kulturali Globali u l-azzjonijiet għall-artisti Afrikani u Ewropej**, biex jippromwovu d-djalogu interkulturali, il-mobbiltà u l-kokreazzjoni bejn artisti żgħażaġh u prattikanti kulturali minn pajjiżi sħab u l-UE.
- **L-Uffiċċju Reġjonali għall-Kooperazzjoni taż-Żgħażaġħ fil-Balkani tal-Punent**, li jippromwovi l-ispirtu ta' rikoniċljazzjoni u fehim bejn iż-żgħażaġh permezz ta' skambji u kooperazzjoni intrareġjonali taż-żgħażaġh.
- **Il-korp Ewropew ta' Solidarjetà**, li jħeġġeġ il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-volontarjat u l-proġetti ta' solidarjetà.

- **Is-sħubijiet ta' Politika u ta' Sensibilizzazzjoni tal-UE⁶⁴**, biex jittejbu l-fehim reċiproku u l-fiduċja permezz ta' attivitajiet ta' diplomazija pubblika.
- Kampanji li jgħaqqdu liż-żgħażaġħ madwar id-dinja biex jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika, **bħall-Green Track** jew **#ReFashionNow** li jmiss biex il-konsumaturi żgħażaġħ jaġixxu favur tessuti sostenibbli.

4. Monitoraġġ u rappurtar

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, se timmonitorja l-progress dwar il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ (YAP) fit-terminu medju u finali permezz ta' rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza tal-UE, u f'konformità ma' oqfsa ta' politika u impenji oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ż-żgħażaġħ, il-paċi u s-sigurtà.

Ir-rapporti ta' implimentazzjoni se jsegwu **l-bidla istituzzjonali** lejn it-tisħiħ **tal-involviment taż-żgħażaġħ fit-tfassil tal-politika tal-UE**, u **l-progress lejn l-oġettivi tal-YAP** fi priyoritajiet tematiċi. Se jiġi żviluppat qafas ta' monitoraġġ fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni, f'kooperazzjoni ma' esperti u sħab żgħażaġħ, abbażi ta' *data* diżaggregata skont l-età u indikaturi speċifiċi għaż-żgħażaġħ.

Evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-YAP se titnieda fil-ħin biex tikkontribwixxi għaċ-ċiklu ta' programmazzjoni li jmiss.

5. Konklużjoni

Bil-pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE, l-UE tirrikonoxxi r-rwol essenzjali taż-żgħażaġħ **“bħala persuni li kapaċi jittrasformaw il-ħolm f'realtà”⁶⁵** biex jindirizzaw sfidi globali kumplessi filwaqt li tistabbilixxi l-qafas għal sħubija b'saħħitha bejnhom u l-UE.

Permezz tal-implimentazzjoni tagħha, l-UE se tappoġġa l-involviment taż-żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tagħha, toffri ambjent u opportunitajiet abilitanti għat-tisħiħ tal-pożizzjoni u l-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġħ, u tippromwovi l-bini ta' rabtiet fost iż-żgħażaġħ madwar id-dinja.

Il-pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ jinkorpora fl-istess ħin impenn politiku ġenwin għall-vuċi tat-tfal u ż-żgħażaġħ fid-dinja u pjan direzzjonali operazzjonali biex jikkontribwixxi għall-bini ta' soċjetajiet aktar demokratiċi, ugwali, sostenibbli u paċifiċi **għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri**.

⁶⁴ [Sħubijiet ta' Politika u ta' Sensibilizzazzjoni](#)

⁶⁵ [Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2022 mill-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen](#)